VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,963, 7 ta' Settembru, 2012
Taqsima B

A.L. 288 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2012 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għaċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija, Farmaċija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2012 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għaċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija, Farmaċija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa) u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2010 tal-Kors għaċ-Ċertifikat fil-Medical Foundation Studies (Mediċina, Dentistrija, Farmaċija u Suġġetti relatati max-Xjenzi tas-Saħħa) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 239 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Ir-regolamenti 4 u 5 għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru 2010 jew wara.

3. Ir-regolamenti 6 u 7 għandhom japplikaw minn Ottubru 2012 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali

4. Il-paragrafu (2) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

5. Ir-regolament 8 (1) tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi innumerat mill-ġdid bħala r-regolament 8.

Iż-Żieda tar-regolament 11 mar-regolamenti prinċipali

6. Ir-regolament 11 li ġej għandu jiżdied wara r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali:

"11. (1) Biex jissodisfaw ir-Rekwiżiti Speċjali tal-Kors għall-grad ta' Doctor of Medicine and Surgery – M.D.-, l-istudenti jridu jiksbu grad B jew aħjar fit-taqsimiet studju li ġejjin: Human Biology u Biological Chemistry.

(2) Biex jissodisfaw ir-Rekwiżiti Speċjali tal-Kors għall-grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Pharmaceutical Science) – B.Sc. (Hons) (Pharm. Sc.) - l-istudenti jridu jiksbu grad Ċ jew aħjar fit-taqsimiet studju li ġejjin: Chemistry u Mathematics."

7. Ir-regolamenti 11 u 12 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala r-regolamenti 12 u 13.